**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Marzu, 2016**

Talba Numru: 245/2015JB

Kawza Numru: 3

**Customs & Freight Agency Limited (C17475)**

***vs***

**Sullivan Maritime Limited (C20340) u b'digriet tat-Tribunal tal-25 ta' Jannar 2016 gew mizjuda l-kliem "f'isimha proprju u bhala agent tas-Socjeta' estera Grimaldi Euromed SpA di Navigazione"**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf tmien mija u tlieta u tletin euro (€1,833) rapprezentanti danni sofferti fuq *trailers* ghal-liema hsara hija responsabbli s-Socjeta Konvenuta. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra interpellatorja u ta' ittra ufficcjali u l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-seduta tat-28 ta' April 2015;

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata, laqghet ghal din l-azzjoni billi nhar it-28 ta' April 2015 ipprezentat risposta li permezz taghha eccepew dan li gej:

> Illi, preliminarjament, is-socjeta` eccipjenti, kif imharrka, ma hijiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` eccipjenti, anke fil-kapacita` taghha qua agent tal-carrier in kwistjoni ma tistax tinsab responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici;
>
> Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk dan l-Onorabbli Tribunal jiddeciedi illi s-socjeta` eccipjenti hija l-legittimu kontradittur, dan it-Tribunal huwa xorta wahda svestit mill-gurisdizzjoni skond klawsola numru 2 tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta' karigu in kwistjoni;
>
> Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta` attrici hija preskritta bit-terminu ta' sena ai termini ta' klawsola numru 17(2) tat-termini u kundizzjonijiet tal-polza ta' karigu kif

ukoll ai termini tal-Hague Visby Rules li jifformaw parti mil-ligi Taljana li hija mnizzla bhala l-ligi applikabbli skond l-istess polza ta' karigu (vide klawsola numru 2);

Illi, fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u s-socjeta` attrici ghandha tipprova d-danni li allegatament gew ikkagunati u jekk din il-prova tingieb is-socjeta` attrici xorta wahda trid tipprova illi l-istess danni sehhew minhabba xi tort jew negligenza, jew ommissjoni, da parti tas-socjeta` konvenuta.

Illi subordinatament u dato ma non concesso, jekk jirrizulta illi s-socjeta` attrici b'xi mod jirnexxilha tipprova l-allegati danni u li dawn gew ikkawzati minhabba xi tort jew negligenza tas-socjeta` konvenuta, din it-talba hija xorta wahda limitata skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta' karigu u skond l-imsemmija Hague Visby Rules.

Ra r-rikors tas-Socjeta Attrici prezentat nhar l-14 ta' Settembru 2015 (a fol 10) li permezz tieghu talbet li s-Socjeta Konvenuta ghandha tirregola ruhha *ai termini* tar-Reg. 6 tal-L.S. 380.01;

Ra l-provvediment moghti fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2015 (a fol 24) fejn cahad it-talba;

Ra r-rikors tas-Socjeta Konvenuta prezentat nhar it-30 ta' Novembru 2015 (a fol 13) li permezz tieghu talbet li t-Tribunal jawtorizza l-aggunta ta' eccezzjoni preliminari ulterjuri li taqra' kif gej:

Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta` attrici hija preskritta ai termini tal-paragrafu 6 tal-Artikolu III tal-Iskeda tal-Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar (Kapitolu 140 tal-Ligijiet ta' Malta)

Ra l-provvediment moghti fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2015 (a fol 24) fejn laqa' t-talba;

Ra r-rikors tas-Socjeta Attrici prezentat nhar l-14 ta' Dicembru 2015 (a fol 22) li permezz tieghu talbet li ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex wara isem is-Socjeta Konvenuta jizdiedu l-kliem "f'isimha *proprio* kif ukoll bhala agent ta' Grimaldi Group";

Ra r-rikors tas-Socjeta Attrici prezentat nhar il-11 ta' Jannar 2016 (a fol 25A) li permezz tieghu talbet li ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex wara isem is-Socjeta Konvenuta jizdiedu l-kliem "f'isimha proprio u bhala agenti tas-socjeta Taljana Grimaldi Group SpA";

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2016 (a fol 27) fejn id-difensur tas-Socjeta Attrici talbet li l-korrezzjoni ssir fis-sens li wara isem is-Socjeta Konvenuta jizdiedu l-kliem "f'isimha *proprio* u bhala agent tas-socjeta estera Grimaldi Euromed SpA gia Atlantica SpA di Navigazione";

Ra l-provvediment moghti fl-istess seduta tal-25 ta' Jannar 2016 (a fol 27) fejn laqa' t-talba ghall-korrezzjoni u ordna li ssir l-opportuna aggunta fl-okkju tal-kawza;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari ghas-seduta tal-lum;

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna titratta talba ghall-hlas ta' danni li s-Socjeta Attrici tallega li sofriet. Is-Socjeta Konvenuta qieghdha tilqa' ghal din it-talba b'ghadd ta' eccezzjonijiet. F'dan l-istadju, dan it-Tribunal ghandu jqis l-eccezzjonijiet preliminari.

In sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet, xehed bil-procedura tal-affidavit Joseph Bugeja (a fol 31) li stqarr li s-Socjeta Konvenuta mhijiex armatur. Jghid li s-Socjeta Attrici hija klijent regolari tas-Socjeta Konvenuta tant li fl-2012 (u cjoe s-sena meta rrizultaw l-allegati danni) din kellha 600 ordni ghat-tragitt ta' trailers fuq vapuri tal-linja Grimaldi. Hu jinsisti li s-Socjeta Konvenuta tagixxi biss bhala agent tal-armatur. Jghid li l-inkartament relattiv ghall-kargu jinzammu fuq Sistema elettronika ghal certu zmien biss. Jghid li l-merkanzija titghabba fuq bastimenti tal-linja Grimaldi skond il-kundizzjonijiet normali tat-trasport li *inter alia* jipporvdu li l-foro kompetenti huwa dak ta' Napli. Jghid ukoll li skond il-Hague/Hague-Visby Rules u skond il-kundizzjonijiet tan-nol, azzjoni ghandha ssir fi zmien sena. Jghid li fil-kaz odjern, il-kawza saret fuq tliet snin wara l-allegat incident. In kontro-ezami (a fol 80), Bugeja spjega kif jinhargu d-dokumenti relattivi ghall-merkanzija. Huwa pprezenta wkoll kopja standard ta' polza ta' kargu;

Min-naha taghha, is-Socjeta Attrici ressqet zewg affidavits. Kevin Attard xehed (a fol 47) u spjega x'wassal ghad-danni. Jghid li hu kien jittama li jasal fi ftehim u kien hemm diversi skambji u ghalhekk dam sabiex jipprezenta din il-kawza. Fir-rigward tal-eccezzjoni tad-dekadenza u tal-preskrizzjoni jghid li s-Socjeta Konvenuta uzaw tattika malizzjuza billi l-ewwel hallewh jahseb li se jaslu ghal arrangement imbaghad ma zammewx kelmithom. In kontro-ezami (a fol 78), Attard spjega l-procedura adoperata bejn il-kontendenti.

Yvette Grech xehdet ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 51) u spjegat kif is-Socjeta Attrici sofriet id-danni u xi skambji kien hemm bejn il-kontendenti. In kontro-ezami (a fol 77), Grech ikkonfermat li l-ordnijiet kienu jsiru b'mezz elettroniku.

Chris Grech xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 57) u stqarr li meta mar fuq il-moll sab li t-*trailers* kellhom hsara.

Ikkunsidra;

Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal sejjer iqis l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta u cjoe dik li s-socjeta eccipjenti kif imharrka mhijiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Irid jinghad li ghad li mal-prezentata l-okkju kien jindika lis-Socjeta Konvenuta proprio bhala konvenuta, sussegwentement saret korrezzjoni u kwindi l-azzjoni odjerna issa hi diretta kontra s-Socjeta Konvenuta f'isimha *proprio* u bhala agent tas-socjeta estera Grimaldi Euromed Spa.

Mill-assjem tal-provi hareg car li s-Socjeta Konvenuta ghad li mhijiex armatur, ilha l-agent lokali ghal-linja Grimaldi sa mill-1996. Ix-xhud prodott mis-Socjeta Konvenuta jinsisti li huma jagixxu biss bhala agenti.

Issa t-Tribunal xtarr bir-reqqa dwar il-personalita tal-agent fis-sistema taghna u qies il-gurisprudenza wiesgha tal-qrati taghna in materja. Hu ben rikonoxxut li li hemm diversi kwalitajiet ta' agenziji marittimi u n-natura guridika taghhom tvarja skond il-funzjonijiet li

jizvolgu u tista' wkoll tvarja minn kaz ghal kaz.[1] Issa, l-Qrati taghna dahlu fil-fond dwar il-materja tal-agent marittimu u f'sentenza tat-13 ta' Jannar 1955 l-Onor. Imhallef Tancred Gouder sedenti fil-Qorti tal-Kummerc[2] fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuele Cassar *vs* Silvio Mifsud *noe*" iddistingwa tliet tipi ta' agenti, ossija:

1. Is-semplici konsenjatarji, jew agenti tal-vapur, li jigu maghzulin kull darba li l-bastiment imur fil-post fejn joqghod il-konsenjatarju, fejn ma jkunx hemm rakkomandatarju stabili; u l-fakoltajiet taghhom huma limitati ghall-operazzjonijiet relattivi ghall-karikament u skarikament ta' bastiment wiehed determinat, f' post wiehed;

2. ir-rakkomandatarji, li huma dawk li jirrapprezentaw lill-armaturi b' mandat generali, ghal dak li jirrigwarda l-ezekuzzjoni ekonomika u kummercjali tal-kuntratt tat-trasport, li jestendi ruhu ghall-operazzjonijiet kollha kemm huma relattivi ghall-bastimenti kollha ta' l-armaturi;

3. ir-rapprezentanti jew agenti tas-socjetajiet ta' navigazzjoni, li huma instituri veri u proprji, ghax jittrattaw u jikkonkludu abitwalment l-affarijiet kollha tas-socjeta` li jirrapprezentaw fil-post fejn joqghodu, u f'dak il-post huma preposti ghall-kummerc kollu li fl-istess post jigi ezercitat mis-socjeta` mandanti.

Dan l-insenjament huwa abbraccjat anke minn sentenzi ricenti u t-Tribunal ma jqisx li ghandu jaghmel xi ezami ulterjuri. F'ghajnejn it-Tribunal mhemmx dubju li s-Socjeta Konvenuta taqa' fit-tielet kategorija. Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta ma tistax tigi akkolta u se tigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-ewwel eccezzjoni, imiss lit-Tribunal iqis it-tieni eccezzjoni u cjoe dik li s-Socjeta Konvenuta ma tistax tinsab responsabbli ghall-allegati danni.

Illi ghall-istess ragunijiet li dwarhom ibbaza d-decizjoni tieghu dwar l-ewwel eccezzjoni, it-Tribunal ma jistax jikkondividi l-pozizzjoni tal-eccipjenti dwar din it-tieni eccezzjoni. Gjaladarba gie kunsidrat li s-Socjeta Konvenuta hija institur veru u proprju, ghax tittratta u tikkonkludi abitwalment l-affarijiet kollha tal-armatur li tirrapprezenta f'Malta, u f'Malta hija preposta ghall-kummerc kollu li f'Malta jigi ezercitat mill-armatur, hija ghandha twiegeb fil-kwalita taghha ta' agent ta' socjeta estera. Fuq kollox, kif irriteniet l-istess eccipjenti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, fil-kapacita taghha *qua* agent tal-principal, l-eccipjenti ghandha jedd tistrieh fuq l-istess eccezzjonijiet li huma sollevabbli mill-principal innifsu. *A contrario senso* ghandha twiegeb f'isem il-principal, naturalment minghajr hsara ghall-jedd taghha li tiddefendi ruhha fil-mertu. Ghalhekk, anke t-tieni eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta ma tistax tigi akkolta u se tigi michuda u t-Tribunal se jghaddi sabiex iqis l-eccezzjoni li jmiss.

Ikkunsidra;

---

[1] *Vide* f'dan is-sens "Vivian J. Bianchi noe vs Edward Sullvan et noe" deciza mill-Qorti tal-Kummerc, (Imhallef George Schembri) fit-8 ta' Mejju 1979

[2] Koll. XXXIX.iii.821

Illi dan igibna ghat-tielet eccezzjoni li titratta l-gurisdizzjoni. Din l-eccezzjoni hija ppernjata fuq klawsola 2 tal-polza tal-kargu li tispecifika li l-foro kompetenti huwa dak ta' Napli. Issa s-Socjeta Attrici qed tirribatti din l-eccezzjoni billi tghid li l-polza tal-kargu qatt ma nghatat lilha u qatt ma giet iffirmata minnha. Dan hu argument li jimmerita certu hsieb ghaliex kuntrarjament ghal dak li tradizzjonalment isir, jidher li fil-kaz odjern il-process jigi maniggjat b'mod elettroniku. Meta xehed Joseph Bugeja in kontro-ezami (a fol 80) spjega li fuq insistenza tal-operaturi fl-industrija, f'kazijiet fejn il-karikatur u min ghandu jircievi l-merkanzija jkunu l-istess, bhal fil-kaz ta' *trailers*, is-sistema giet simplifikata u l-process beda jsir b'mod elettroniku. Hu spjega li tali facilita inghatat lil min kellu *credit terms* miftiehma mal-vettural u minkejja l-implimentazzjoni ta' tali sistema, kull meta kienet tkun mehtiega, kienet tinghata kopja ta' polza f'verzjoni kartacea. Spjega li kien hemm almenu cirkostanza wahda fejn is-Socjeta Attrici (li tippartecipa f'din l-iskema) talbet polza stampata u din kien fiha l-kundizzjonijiet kollha li fi kliem Bugeja, baqghu ma nbidlux sa mill-2009. Jghid ukoll li l-kundizzjonijiet jinsabu wkoll pubblikati fuq il-*website*.

Is-Socjeta Attrici targumenta (fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha) li biex japplikaw il-kundizzjonijiet elenkati f'polza, din trid tkun inghatat lill-karikatur. Ghat-Tribunal mhemmx dubju li polza ta' taghbija hi presuppost ghall-garr ta' merkanzija bil-bahar. Skond it-tielet partita tat-Tielet Artiklu tar-Regoli dwar il-Poloz ta' Taghbija li jaghmlu parti mill-Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar (Kap. 140) "*Wara li jirċievi l-merkanzija u jieħu nkarigu tagħha, il-vettural jew il-kaptan jew l-aġent tal-vettural għandu,* ***fuq talba tal-karikatur***[3] *joħroġ lill-karikatur polza tat-tagħbija…*" Naturalment, polza hija xhieda tal-kuntratt bejn il-vettural u l-karikatur. Id-dicitura tal-ligi jidher li titfa' r-responsabilita ghat-talba ghall-hrug tal-polza fuq il-karikatur. Issa t-Tribunal ma jistax ma jabbraccjax u ma jirrikonoxxix prattici moderni bhall-hrug ta' tali dokument u in vista tal-provi akkwiziti, jidher li l-partijiet kienu vinkolati bil-kundizzjonijiet li kopja taghhom giet prezentata fil-mori tal-kawza. Ghalhekk, it-Tribunal iqis li l-argument tas-Socjeta Attrici li tinsisti li hi qatt ma ssottoskriviet ghall-polza in kwistjoni, ma jregix.

Issa minn ezami tad-dokument a fol 83 *et seq*, b'tipa mill-aktar irqiqa, jidher li klawsola 2 tiddiregi l-kontroversji ghar-rizoluzzjoni gewwa l-Qrati ta' Napli fil-waqt li taghmel il-ligi Taljana bhala l-ligi applikabbli ghall-kuntratt.

Fil-fehma tat-Tribunal, tali klawsola tapplika anke ghall-kas odjern. Huwa sinifikattiv ukoll li ghad li s-Socjeta tat numru ta' eccezzjonijiet, hija qanqlet tali eccezzjoni *in limine litis* u kwindi ma jistax jinghad li din issottomettiet ghall-gurisdizzjoni tal-fora Maltin. Ghalhekk, it-Tribunal se jghaddi sabiex jilqa' din l-eccezzjoni;

Ikkunsidra;

Illi ghad li gjaldarba t-tielet eccezzjoni tissussisti mhemmx il-htiega li t-Tribunal jinvestiga ulterjorment, gjaladarba tqanqlu r-Regoli li jaghmlu parti mill-Kap. 140, jkun floku li wiehed iqis ukoll ir-raba' eccezzjoni u cjoe dik li titratta l-perjodu ta' dekadenza ta' sena.

Kif sewwa rriteniet l-eccipjenti, skond is-sitt partita tat-Tielet Artiklu tar-Regoli dwar il-Poloz ta' Taghbija li jaghmlu parti mill-Kap. 140, "*F'kull każ il-vettural u l-bastiment ikunu meħlusin minn kull responsabbiltà dwar telf jew ħsara kemm-il darba ma ssirx kawża fi żmien sena mill-kunsinna tal-merkanzija jew mid-data meta l-merkanzija jkun imissha ġiet*

[3] Enfasi tat-Tribunal

*kunsinnata*." Hu car li dan it-terminu hu wiehed ta' dekadenza. Hu car ukoll li dan jaghmel parti mir-Regoli Hague-Visby li huma applikabbli anke fl-Italja.

Mill-assjem tal-provi hareg car li l-kaz in kwistjoni sehh aktar minn sena qabel ma giet prezentata l-odjerna kawza. Ir-rapprezentant tas-Socjeta Attrici jinsisti fix-xhieda tieghu li huma ma pprocedewx qabel ghaliex kienu qed jittamaw li jsolvu l-affarijiet. Bir-rispett kollu, dan mhux skuza bizzejjed biex jinterrompi perjodu ta' dekadenza. Fic-cirkostanzi ghalhekk, din ir-raba' eccezzjoni hija wkoll fondata u timmerita akkoljiment.

Tant stabbilit, it-Tribunal ma jqisx li ghandu jinvestiga l-Hames eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal prevja li jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta Konvenuta, jilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta Konvenuta u konsegwentement jichad it-talba attrici. Spejjez a karigu tas-socjeta attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*